

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16295/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0421(NLE)

FISC 270
ECOFIN 1368

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 727 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni għar-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 727 final.

Mehmuż: COM(2022) 727 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2022
COM(2022) 727 final

2022/0421 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni għar-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ("id-Direttiva tal-VAT"¹), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-8 ta' April 2022, ir-Repubblika tar-Rumanija (minn hawn 'il quddiem ir-Rumanija) talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, li jiddetermina l-persuna responsabbli għall-pagament tal-VAT. Permezz tal-ittra rreġistrata fit-28 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali dwar it-talba mir-Rumanija, li wiegħbet bl-ittra rreġistrata fit-22 ta' Awwissu 2022.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri kollha, minbarra lil Spanja, fl-1 ta' Settembru 2022 u lil Spanja fit-2 ta' Settembru 2022, bit-talba mir-Rumanija. Permezz tal-ittra tal-5 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni għarrfet lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li normalment, hija l-persuna taxxabli li ttipprova l-merkanzija jew is-servizzi li tkun responsabbli biex tħallas il-VAT.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT biex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT jew biex jiġu prevenuti ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

Fl-2009, ir-Rumanija talbet deroga sabiex tkun awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti ta' prodotti tal-injam, fost l-oħrajn. Skont din il-proċedura, il-pagament tal-VAT isir ir-responsabbiltà tal-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti. Dawn il-prodotti tal-injam jinkludu, b'mod aktar speċifiku, injam mhux maqtuġh, injam tond jew bix-xaqq biex jinħadem, ħatab, prodotti tal-injam ippreparat, kif ukoll injam bit-tarf kwadru jew imxellef u injam ħarex, ipproċessat jew semimanifatturat.

Il-miżura ta' deroga għar-Rumanija inizjalment ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE sal-31 ta' Diċembru 2013², u wara, fir-rigward tal-prodotti tal-injam, ġiet estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE³ sal-31 ta' Diċembru

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 27).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 31).

2016, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1206⁴ sal-31 ta' Diċembru 2019 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1593⁵ sal-31 ta' Diċembru 2022.

Ir-Rumanija issa reġgħet talbet estensjoni tad-deroga dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti ta' dawn il-prodotti tal-injam.

Abbażi tar-rapport mibgħut mir-Rumanija, li ġie ppreżentat flimkien mat-talba għall-estensjoni tal-miżura, il-ħatra tar-riċevitur bħala l-persuna responsabbli għall-pagament tal-VAT fuq il-provvisti tal-prodotti tal-injam imsemmija hawn fuq kellha l-effett li tipprevjeni l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa f'dan is-settur li huwa kkaratterizzat minn għadd kbir ta' rivendituri u intermedjarji żgħar li deher li kien diffiċli biex jiġu kkontrollati.

B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva, u sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra ħalli jindirizzaw il-problema rispettiva sakemm tiskadi l-miżura ta' deroga. Id-deroga li tippermetti l-użu tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tingħata biss eċċezzjonalment għal oqsma frodulenti speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar għażla.

Ir-Rumanija spjegat li għal dak l-għan, ittieħdu passi biex jiġu introdotti miżuri konvenzjonali fil-liġi nazzjonali għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u biex jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tiegħu fis-settur tal-injam ippreparat u tal-injam, bħall-proġetti ta' diġitalizzazzjoni (RO e-Factura), l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-flus fiskali, SAF-T, il-monitoraġġ tax-xiri u l-provvisti u s-sistema RO e-Transport (il-monitoraġġ tat-trasport fit-territorju nazzjonali).

Madankollu, peress li l-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri għadha fi stadju bikri, ir-Rumanija tqis li sabiex tinżamm it-tendenza ta' tnaqqis fl-evażjoni tat-taxxa fis-settur tal-injam ippreparat u tal-injam, jeħtieġ li wara l-1 ta' Jannar 2023, tkompli tapplika r-reverse charge f'dan is-settur.

Għaldaqstant, l-estensjoni għal perjodu limitat ieħor tidher ġustifikabbli billi jidher li l-miżura ma kellha l-ebda impatt negattiv fuq il-frodi fil-livell tal-bejgħ bl-immnut, f'setturi oħra jew fi Stati Membri oħra. Għaldaqstant, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali li ma nbidlitx, qed jiġi propost li tiġi estiża l-miżura ta' deroga, biex b'hekk ir-Rumanija tkun tista' tkompli tapplika din il-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2025.

Għalhekk, sakemm tiskadi d-deroga, ir-Rumanija jenħtieġ li timplimenta bis-sħiħ il-miżuri konvenzjonali msemmija hawn fuq biex tiġġieled u tipprevjeni aktar tixrid ta' frodi tal-VAT fis-settur tal-injam ippreparat. B'konsegwenza ta' dan, m'hemmx għalfejn titkompla d-deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dawn il-provvisti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ingħataw derogi simili marbuta mal-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT lil Stati Membri oħra, lill-Portugal⁶, lil-Litwanja⁷ u lil-Latvja⁸.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1206 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 47).

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1593 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 69–70).

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva tal-VAT.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija msejsa l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument adattat peress li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba tar-Rumanija u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Wieħed mill-aktar tipi komuni ta' frodi jinvolvi l-inklużjoni ta' kumpaniji fil-katina ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-injam ippreparat u tal-injam, li jiġbru l-VAT, jonqsu milli jħallsuha lill-baġit tal-Istat, u wara jisparixxu. Il-klijenti tagħhom, fl-eżerċitar tad-dritt

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1592 tal-24 ta' Settembru 2019 li tawtorizza lill-Portugal biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 67–68).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1920 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 34–35).

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/81 tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 13, 20.1.2022, p. 49–50).

tagħhom għat-tnaqqis tal-VAT, imbagħad japplikaw għar-rimborż tal-ammonti li ma jkunu tħallsu qatt lill-baġit tal-Istat.

Il-prodotti tal-injam jirrappreżentaw l-akbar sehem tal-ekonomija forestali tar-Rumanija. Fi tmiem l-2020, il-patrimonju forestali nazzjonali tar-Rumanija kien jammonta għal 6 604 200 ettaru, jiġifieri 27,66 % tal-erja totali tal-art tal-pajjiż.

Ir-reverse charge, il-miżura speċjali mitluba, tapplika biss għal tranżazzjonijiet bejn persuni taxxabbli rreġistrati fir-Rumanija għall-finijiet tal-VAT. Il-persuni taxxabbli fi Stati Membri oħra jistgħu jiġu affettwati biss mill-mekkaniżmu tar-reverse charge jekk ikollhom obbligu li jirreġistraw fir-Rumanija għall-finijiet tal-VAT. F'każijiet bħal dawn, huma jkunu soġġetti għall-istess regoli tal-VAT bħall-operaturi Rumani.

Il-mekkaniżmu tar-reverse charge naqqas ir-riskju tar-rimborż ta' ammonti li ma jkunu tħallsu qatt lill-baġit tal-Istat minħabba frodi karusell.

Effetti pożittivi oħra tar-reverse charge kienu jinkludu:

- kompetittività mtejba bejn il-produtturi biex jiġġieldu d-distorsjonijiet maħluqa minn entitajiet li joperaw fis-suq illeċitu;
- tnaqqis sinifikanti tal-ekonomija li ma tidhirx fil-qasam, li jwassal għal żieda fid-dħul tal-baġit tal-Istat.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, b'żieda medja ta' RON 46 077 fl-ammont tal-VAT stabbilit għal kull kontribwent, ir-Rumanija temmen li l-applikazzjoni tar-reverse charge fir-rigward tal-provvisti tal-prodotti tal-injam ippreparat u tal-injam laħqet l-oġġettivi tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u l-prevenzjoni tat-tixrid tagħha.

Għalkemm ir-Rumanija kisbet riżultati pożittivi fil-ġlieda kontra l-frodi billi applikat ir-reverse charge f'dan is-settur, il-fenomeni għadu jeżisti għalkemm fuq skala iżgħar⁹.

L-estensjoni ta' din il-miżura mhux se jkollha impatt negattiv fuq l-ammont totali tad-dħul mill-VAT miġbura fl-istadju finali tal-konsum u għalhekk, ma taffettwax b'mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata biż-żmien.

⁹ Skont il-ħarsa ġenerali sena b'sena tal-ispezzjonijiet tat-taxxa mwettqa fuq il-kontribwenti bil-kodiċi NACE "prodotti tal-injam" matul il-perjodu 2018 - 2021, il-każijiet ta' frodi naqsu, kif irrappurtat mir-Rumanija fit-talba tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni għar-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, it-taxxa fuq il-valur miżjud (“VAT”), bħala regola ġenerali għandha tkun pagabbli mill-persuna taxxabli li tipprovdi l-merkanzija jew is-servizzi.
- (2) Permezz tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE² u 2013/676/UE³, ir-Rumanija kienet awtorizzata tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE (“il-miżura speċjali”) biex il-persuna taxxabli, li tirċievi l-provvisti tal-prodotti tal-injam minn persuni taxxabli, tinħatar bħala l-persuna responsabbli għall-pagament tal-VAT fuq dawk il-provvisti. L-awtorizzazzjoni mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-11 ta' April 2022, ir-Rumanija talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjali, awtorizzata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE, wara l-31 ta' Diċembru 2022. Permezz tal-ittra tat-28 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali dwar it-talba mir-Rumanija. Ir-Rumanija wieġbet permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-22 ta' Awwissu 2022.
- (4) Permezz tal-ittra tal-1 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni baġtet it-talba mir-Rumanija lill-Istati Membri l-oħra, minbarra lil Spanja, skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE. Permezz tal-ittra tat-2 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni baġtet dik it-talba lil Spanja. Permezz tal-ittra tal-5 ta'

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 27).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 31).

Settembru 2022, il-Kummissjoni għarrfet lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

- (5) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija fit-talba tagħha, is-sitwazzjoni fattwali li ġġustifikat l-applikazzjoni tal-miżura speċjali ma nbidlitx. Barra minn hekk, l-analiżi mressqa mill-awtoritajiet Rumani tindika li l-miżura speċjali wriet li kienet effettiva fit-tnaqqis tal-evażjoni tat-taxxa. Aktar minn hekk, il-miżura speċjali ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.
- (6) Il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-objettivi li jridu jinkisbu peress li hija limitata għal operazzjonijiet speċifiċi ħafna f'settur li joħloq problemi konsiderevoli fir-rigward tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Barra minn hekk, it-tkomplija tal-applikazzjoni tal-miżura ma għandu jkollha l-ebda impatt negattiv fuq il-prevenzjoni tal-frodi fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, f'setturi oħra jew fi Stati Membri oħra.
- (7) B'mod ġenerali, id-derogi jiġu awtorizzati għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżuri speċjali humiex xierqa u effettivi. Id-derogi jagħtu ċans lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri konvenzjonali oħra fil-livell nazzjonali ħalli jiġi mmonitorjat il-moviment tal-materjali, il-pagament tal-VAT, u l-konformità tal-persuni taxxabli, li jenħtieġ li jindirizzaw il-problema rispettiva sal-iskadenza tal-miżura ta' deroga, u b'hekk l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni ma tibqax tgħodd. Id-deroga li tippermetti l-użu tal-proċedura tar-reverse charge tingħata biss eċċezzjonalment għal oqsma frodulenti speċifiċi u tikkostitwixxi mezz tal-aħħar għażla. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Rumanija timplimenta miżuri konvenzjonali oħra biex tiġġieled u tipprevjeni l-frodi tal-VAT fis-suq tal-injam ippreparat qabel l-iskadenza tal-estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, biex ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' estensjoni oħra tal-miżura speċjali.
- (8) Għalhekk, jixraq li tiġi estiża l-awtorizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE. L-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għar-Rumanija jenħtieġ li tkun limitata biż-żmien biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tal-miżura speċjali.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE, id-data "31 ta' Diċembru 2022" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2025".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*